MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 1000/2013

**Emanuel u Mary konjugi Azzopardi (K.I. 48143M u 551847M rispettivament)**

**vs**

**Nadra Mansour (K.I. 186398M); Yousra Mansour (K.I. 284201L);**
**Aisha Lsamiei (K.I. 17286A);**
**Kheria Ashikae (K.I. 17276A); Saadedin Lsamiei (K.I. 17274A); Abdalla Lsamiei (K.I. 17273A); u Abdel Baset Abid (K.I. 497412L)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Emanuel u Mary konjugi Azzopardi datat 18 ta’ Ottubru 2013 fejn Mary Azzopardi

tikkonferma s-segwenti fatti liema fatti hija taf bihom personalment: -

1. Illi l-esponenti huma proprjetarji tal-fond urban bin-numru ufficjali mija u sitta u tmenin (186) u jismu "Mission Bay" fi Triq il-Ferrovija l-Qadima f’Hal-Balzan;

2. Illi l-intimati, jew min minnhom, qeghdin jokkupaw l-imsemmi fond proprjeta` tal-esponenti minghajr titolu validu fil-ligi;

3. Illi jrid jigi dikjarat illi l-konvenuta Nadra Mansour kienet dahlet l-ewwel fil-fond ghad li ma kellha l-ebda titolu u jidher li sussegwentement dahhlet persuni ohra sabiex jabitaw maghha;

4. Illi ghad li saru bosta interpellazzjonijiet sabiex il-fond jigi vvakat u ritornat lill-esponenti, sallum il-konvenuti jew min minnhom ghadhom in okkupazzjoni tal-fond *de quo;*
5. Illi *inoltre* jirrizulta li dawn qeghdin jikkunsmaw id-dawl u l-ilma a skapitu tal-esponenti u ta' binha David Azzopardi li fuq ismu huma registrati l-*meters* relattivi;

6. Illi sa fejn taf l-esponenti, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda eccezzjonijiet x'jaghtu f’din l-kawza;

Illi r-raguni ta' din it-talba hi li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati sabiex jizgumbraw mill-fond urban bin-numru ufficjali mija u sitta u tmenin (186) u jismu "Mission Bay" fi Triq il-Ferrovija l-Qadima f’Hal-Balzan *stante* li qeghdin jokkupawh minghajr titolu validu fil-ligi u billi jokkorru l-elementi mehtiega skont l-Art. 167 et seq tal-Kap. 12, din il-kawza ghandha tinstema' u tinqata' bil-procedura sommarja specjali.

Ghaldaqstant, l-atturi, jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, joghgobha:

1. Tisma' din il-kawza bid-dispensa tas-smigh *a tenur* ta' l-Art. 167 *et seq* tal-Kap. 12;

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jizgumbraw mill-fond urban bin-numru ufficjali mija u sitta u tmenin (186) u jismu "Mission Bay" fi Triq il-Ferrovija l-Qadima f’Hal-Balzan *stante* li qeghdin jokkupawh minghajr titolu validu fil-ligi;
Bl-ispejjez u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-istanti kontra l-konvenuti minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta’ Novembru 2013.

Rat li l-intimata giet notifikata bir-rikors nhar is-26 ta’ Novembru 2013 kif jidher *a tergo* ta’ fol 7.

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta’ Novembru 2013; u tat-12 ta’ Dicembru 2013 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-atturi assistiti minn Dr. John Bonello u l-intimata assistita minn Dr. Cedric Mifsud. Inghatat xhieda bil-gurament minn Nadra Mansour li giet registrata. Dr. Cedric Mifsud ghall-intimata Nadra Mansour irrileva s-segwenti eccezzjonijiet: -

1) IIli preliminarjament Nadra Mansour tirrileva li din il-Qorti mhix kompetenti taghti decizjoni fuq dan il-kaz *stante* li hija qed tirrisjedi fil-fond mertu tal-kaz permezz ta' titolu ta’ kera, u ghalhekk l-Awtorita' kompetenti hija l-Bord tal-Kera;

2) Illi Nadra Mansour hija l-unika persuna li qed tirrissjedi fil-fond mertu tal-kaz;

3) Illi Nadra Mansour qieghda tghix fil-fond mertu tal-kaz b'titolu ta’ kera.

Dr. Bonello pprezenta nota ta’ cessjoni fil-konfront tal-intimati kollha hlief ghal Nadra Mansour. Il-Qorti rat li l-intimata Nadra Mansour ghandha *prima facie* eccezzjonijiet x'taghti u qed tawtorizzaha li topponi ghall-azzjoni attrici permezz ta' risposta guramentata fi zmien 20 gurnata millum. Hadet konjizzjoni tan-nota ta’ cessjoni

pprezentata *seduta stante* minn Dr. Bonello u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-talbiet fil-konfront tal-intimati Yousra Mansour, Aisha Lsamiei, Kheria Ashikae, Saadedin Lsamiei, Abdalla Lsamiei u Abdel Baset Abid. Il-kawza giet differita ghas-16 ta' Jannar 2014 ghall-prezentata tar-risposta guramentata.

Rat illi r-riposta tal-intimata Nadra Monsour datata 10 ta' Jannar 2014 giet ipprezentata tardivament miz-zmien li kien moghti lilha kif jidher mid-digriet moghti fl-ahhar seduta tat-12 ta' Dicembru 2013 fejn kellha 20 gurnata biex tipprezenta r-risposta taghha.

Rat ir-rikors tal-atturi datat 13 ta' Jannar 2014 fejn l-esponenti talbu lill-Qorti joghgobha tordna l-isfilz tal-istess risposta tal-konvenuta u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-Digriet taghha tas-16 ta' Jannar 2014 fejn, wara li semghet lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors *seduta stante,* u rat l-istess atti, ordnat l-isfilz tal-stess risposta guramentata.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Jannar 2014 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet. Dehret l-intimata Nadra Mansour u ammettiet it-talbiet attrici. Il-partijiet iddikkjaraw li qablu li tinghata zmien xahrejn minn dan il-verbal biex l-intimata tizgombra mill-fond. Il-Qorti, rat ir-rikors, u *in vista* tal-ammissjoni tal-intimata, laqghet it-talbiet attrici peress li jidhru gustifikati l-Qorti ddifferixxiet il-kawza ghas-sentenza ghas-6 ta' Frar 2014 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, *in visto* tal-ammissjoni tal-intimata Nadra Mansour, **tilqa'** it-talbiet attrici billi: -

**Tilqa'** it-tieni talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta Nadra Mansour sabiex tizgombra mill-fond urban bin-numru ufficjali mija u sitta u tmenin (186) u jismu "Mission Bay" fi Triq il-Ferrovija l-Qadima f'Hal-Balzan sa mhux iktar tard mis-sittax (16) ta' Marzu 2014, liema terminu qed jigi hawn stabbilit perentorjament, *stante* li qieghda tokkupah minghajr titolu validu fil-ligi.

L-ispejjez jithallsu mill-intimata Nadra Mansour.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------